Niedersächsischer
Landeswahlleiter

# Elezjonijiet Municipali 2006

Fl- 10 ta' Settembru 2006 f' Niedersachsen se jkunu miftuha 1-postijiet tal-votazzjoni mit- 8 ta' filghodu sa s'6 ta' wara nofs in-nhar. Ic-cittadini ta' Niedersächsen se jaghzlu ir-rappresentanti municipali fil-konteja, ibliet, distretti, kunsilli u villaggi. F'hafna minn dawn 1-ibliet, distretti, u kunsilli, se jkunu mahtura fil-kariga ukoll direttament mir-risultat tal-votazzjoni Kunsilliera tal-konteja u Sindki,. Jista' jaghti l-kaz ukoll li jkun hemm elezjonijiet finali li dawn ha'jsiru fl-24 ta' Settembru 2006. Meta jkun hekk il-kaz, issiru tafu bihom permezz ta' avvizi pubblici li jinhargu fil-postijiet fejn isiru il-votazzjonijiet.

Min ghandu d-dritt ghal izjed minn vot wiehed, per ezempju ghall-Kunsill Distrettwali, il-Kunsill Lokali, u is-Sindku, jircievi izjed minn vot wiehed. L-ismijiet ta' dawk il-kandidati li se johorgu ghall-elezjonijiet, kif ukoll ta' dawk li gew nominati jidhru fuq id-dokument tal-votazzjoni u jkunu ppublikati anke madwar erba' gimghat qabel il-gurnata tal-elezjonijiet fuq avvisi mahruga mill-ufficinni elettorali. Proposti u nominazzjonijiet ghall-votazzjoni jistghu jsiru minn partiti, gruppi ta'votanti, u applikanti independenti.

Min jista' jivvota?

Tista' tiehu sehem fl-elezzjoni jekk inti ta' nazzjonalita Germaniza, jew jekk ghandek ic-cittadinanza ta' pajjiz iehor li huwa membru fl-Unjoni Ewropeja (il-Belgju, Danemarka, Finlandja, Estonja, Franza, Grecja, 1-Irlanda, l-Italja, Latvja, Lithuanja, Lussemburgu, Malta, 1-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, Portugal, l-iSvezja, Slovakja, Slovenja, Spanja, Repubblika Ceka 1-Ungarija, ir-Renju Unit, u Cipru) u li tkun **ghalaqt is-sittax (16) il-sena sal-gurnata tal-elezzjoni** u

— tkun, ghal mhux inqas minn tlett xhur domiciljat fl-post fejn se tivvota (per ezempju, fil-konteja ghall-elezzjoni tal -Kunsill Distrettwali).

— ma giex imnehhi d-dritt tieghek biex tivvota.

— Li ghandek ismek imnezze1 fir-registru elettorali jew ghandek document tal-vot.

Ir-registru tal-votanti huwa mhejji mill-kunsilli lokali. Normalment inti tkun automatikament registrat fid-distrett elettorali tieghek. Dan biss sakemm inti ma nsejtx tirregistra (fil-hin propizju) fil-kunsill lokali tieghek!

Fejn se tivvota?

Jekk inti imnizzel fir-registru elettorali, tircievi awtomatikament notifika tal-votazzjoni. Fin-notifika hemm indikat f'liema post ta'votazzjoni tista' tivvota.

F'certu kazijiet b'eccezzjoni tista' taghzel li tivvota bil-posta jekk inti applikajt biex taghmel dan u jekk ircevejt id-dokumnent tal-votazzjoni (ikkompara man-naha ta' wara tad-dokument).

Kif tivvota?

Se tircievi document tal-vot **ghal kull elezzjoni**, li se tiehu parti fiha (per ezempju, vot ghall-ghazla tal-Kunsill Distrettwali u vot ghall-ghaz1a tal-Kunsill Lokali, u jekk hemm bzonn anke document ghall ghazla tas-Sindku).

## Elezzjoni tar-Rapresentanti

Ghall-Elezzjoni tar-Rapresentanti (per ezempju. Kunsill Distrettwali, Kunsill Lokali) tista', **timmarka tlett islaleb fuq id-dokument tal-vot**, kontra dak li normalment isir waqt l-elezjonijiet nazzjonali u regionali! Ghal kull vot ghandek tlett ghazliet.

Tista' taghti t-tlett ghaz1iet kollha f'proposta wahda (lista totali) jew tista' taghtihom kollha lil kandidat wiehed. Tista' ukoll tqassam il-vot tieghek fuq diversi listi totali u/jew fuq diversi kandidati ta'l-istess ghazla u ghazliet differenti.

## Elezzjoni ta' Sindki u Kunsilliera

Sakemm hemm sistema ta' vot dirett fiz-zona fejn qed isiru 1-elezzjonijiet, inti ghandek **vot wiehed biss** ghal kull wiehed minn dawn l-elezzjonijiet, fejn tista' taghti kandidat ta'l-ghazla tieghek il-vot billi timmarka salib hdejn 1-isem fuq id-dokument tal-votazzjoni.

Ghal xhiex trid toqghod attent?

- Jekk sa' t-tmintax ta' Awissu 2006 ma'rcevejtx notifika tal-vot, hemm cans li inti mhintiex imnizzel fir-**registru elettorali**. Dan tista' tivverifikah: ir-registri elettorali se jkunu lesli u se jinstabu fil-Kunsill Lokali tal-Kunsill tieghek mill-21 sal-25 ta'Awissu 2006 fejn jistghu jigu murija lill-pubbliku. Jekk ismek mhux imnizzel fir registru, ghandek cans t'applika ghal korrezzjoni sal-25 ta' Awissu 2006. Hekk joghbok innota li jekk inti ghandek residenza f'diversi postijiet f'zona fejn qed isiru 1-elezzjonijiet, **tkun iregistrat fir-registru elettorali biss fil-post ta' residenza primarja!**

- Hija drawwa demokratika li fil-gurnata tal-votazzjoni, il-votant imur personalment fil-post tal-votazzjoni. Jekk inti, ghal xi raguni eccezzjonali u importanti (per ezempju, minhabba mard jew xjuhija) ma tistax tmur tivvota fl-post tal-votazzjoni, jew minghajr m'hu tort tieghek, ismek ma jinstabx fir-registru elettorali, tista' t'applika ghal **document tal-vot** u tibghat il-vot tieghek bil-posta.

- Id-dokument tal-vot u dokumenti ohrajn li jintuzaw **meta il-votazzjoni issir bil posta** tircievihom mill-Kunsill Lokali tieghek wara li tkun ghamilt talba ghalihom jew bil-miktub jew bil-fomm (mhux bit-telefon). It-talba tieghek trid tasal mill-inqas mhux izjed tard mis-sitta (6) ta' fil-ghaxija fit-tmienja (8) ta' Settembru 2006. Jekk hemm prova li inti tajt l-approvazzjoni tieghek bil-miktub tista f'kazijiet eccezzjona1i biss, t'awtorizza persuna ohra li tigborlok id-dokumenti.

Jekk inti ma tigix personalment biex tigbor id-dokumenti tal-votazzjoni (vot bil-posta) dawn jintbaghtu ghandek. Rapresentant jista' jigbor dawn id-dokumenti

f'ismek -- diment li hemm awtorita bil-miktub minghandek -- biss fil-kaz ta' mard f'waqqtu u meta mhux iktar possibli li jintbghat il-votant minhabba raguni ta'mard.

Id-dokument tal-vot irid jigi depositat fil-kunsill lokali tieghek mhux aktar tard mis-sitta (6) ta' fi1-ghaxija tal-l0 ta' Settembru 2006. Jekk dan ma jsirx fil-hin, il-votant ikun tilef id-dritt tal-vot.

- Jekk ghandkom xi domandi ohra, jekk joghgobkhom irrikorru ghand 1-ufficja1i elettorali fil-Kunsilli Lokali jew id-Distretti taghkhom.

maltesisch